

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Ġunju 2008 —
Gibtelecom vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi maqħuda T-433/03, T-434/03, T-367/04 u
T-244/05) (¹)

("Kompetizzjoni — Telecommunicazzjonijiet — Deċiżjonijiet li jingħalqu l-każi dwar l-ilmenti bbażati fuq l-Artikolu 86 KE — Nuqqas ta' pożizzjoni mill-Kummissjoni fuq l-ilmenti bbażati fuq l-Artikolu 86 — Rikors għal annullament — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Nuqqas tas-suġġett tal-kawża matul il-proċedura — Mhemmx lok għal deċiżjoni")

(2008/C 223/67)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Gibtelecom Ltd (Gibraltar) (rappreżentanti: M. Lamas, barrister, u B B. O'Connor, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel F. Castillo de la Torre u A. Whelan, wara F. Castillo de la Torre, aġġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għal annullament tad-deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni, datati is-17 ta' Ottubru 2003, il-5 ta' Lulju 2004 u s-26 ta' April 2005, li permezz tagħhom ingħalqu żewġ ilmenti li jitkol l-Kummissjoni li tieħu azzjoni, abbażi ta' l-Artikolu 86(3) KE, sabiex twaqqa l-ksur tal-liġi Komunitarja allegatament mwettqa mir-Renju ta' Spanja u, min-naħħa l-oħra, talba sabiex jiġi kkonstatat, skond l-Artikolu 232 KE, li, billi naqset milli tieħu pożizzjoni fuq iktar azzjoni li hija pproponiet li tieħu fir-rigward ta' ċerti aspetti ta' wiħed minn dawn l-ilmenti, il-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligli tagħha taħt il-liġi Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Mhemmx lok għal deċiżjoni fuq ir-rikorsi;
- 2) Mhemmx lok għal deċiżjoni fuq it-talba ta' intervent ippreżentata mir-Renju ta' Spanja fil-kawża I-367/04.
- 3) Gibtelecom u l-Kummissjoni jbatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 59, 6.3.2004.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Lulju 2008 —
Espinosa Labella et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-322/06) (¹)

(Rikors għal annullament — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvägg — Deċiżjoni 2006/613/KE — Lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku Mediterranju — Att li jista' jiġi kkontestat — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà)

(2008/C 223/68)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Manuel José Espinosa Labella (Almería, Spanja); Josefa Labella Dávalos (Almería); María Pilar Espinosa Labella (Almería); María José Espinosa Labella (Almería); Tomasa Peñuela Ortiz (Almería); Tomás Espinosa Peñuela (Almería); Francisco José Espinosa Peñuela (Mairena del Aljarafe, Spanja); Juan Manuel Espinosa Peñuela (Madrid, Spanja); María Lourdes Espinosa Peñuela, (Almería); Adela Espinosa Peñuela (Almería); Jorge Jesús Espinosa Peñuela (Almería); L-eredi ta' Rafael Espinosa Peñuela (Almería) (rappreżentant: M. J. Rovira Daudí, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u D. Recchia, aġġenti)

Intervenient in sostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: F. Díez Moreno, abogado del Estado)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/613/KE tad-19 ta' Lulju 2006 li tadotta, skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, l-elenku ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku Mediterranju (ĠU L 259, p. 1), safejn tindika s-sit imsejjaħ "Artos de El Ejido", li fih jinsabu l-artijiet tar-rikorrenti, bħala sit ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku Mediterranju.